# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016**

**Numru**
**Rikors maħluf numru 35/2007 JZM**

**A.I.Ċ. Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi *proprio* kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis; u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2009 l-atti kollha f'isem A.I.Ċ. Joseph Barbara ġew trasfużi f'isem Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis u b'digiet tal-14 ta' Diċembru 2015 l-atti kollha tal-kawża ġew trasfużi f'isem Josephine Azzopardi f'isimha proprju**

***v.***

**Carmelo Borg u Yvonne Ruth Borg għal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti konjuġi Borg biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-26 ta' Ġunju 2015, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenuti jgħidu illi s-sentenza hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża (art.

811 para. (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 din il-qorti laqgħet appell tal-atturi u ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti minn fond tal-atturi wara li sabet illi l-konvenuti ma kellhomx jedd illi jikkonvertu t-titolu tagħhom fuq dak il-fond minn wieħed ta' enfitewsi temporanja, li kienet għalqet, għal wieħed ta' enfitewsi perpetwa, taħt l-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"], billi l-fond ma kienx ir-residenza ordinarja tagħhom fiż-żmien relevanti.

3. B'rikors tal-4 ta' Settembru 2015 il-konvenuti talbu illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 ["is-sentenza attakkata"], għax igħidu illi dik is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Dan l-aggravju fissruh hekk:

> »… … … minn eżami tal-argumenti u osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li hija skartat għal kollox il-provi mressqa mill-esponenti ritrattandi inklużi provi dokumentarji u straħet interament fuq ċerta dikjarazzjonijiet li saru mill-avukat Dottor Tonio Azzopardi fil-kawża li kien hemm quddiem il-Bord tal-kera fl-ismijiet <u>*Goldkraft Limited v. Club Limited*</u> u ma tat ebda piż u ma saret ebda riflessjoni fuq dokumenti oħra preżentati mill-istess esponenti ritrattandi li jindikaw ċar u tond li r-residenza ordinarja tagħhom tinsab hawn Malta proprju fil-fond *de quo*;
>
> »Illi dan in-nuqqas jammonta għal żball *ai termini* tal-artikolu 811(*l*) li kwindi jagħti lok għal talba biex il-każ jiġi ritrattat kif fil-fatt qed jiġi intavolat fl-odjern rikors;
>
> »L-artikolu in kwistjoni *cioè* 811(*l*) Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:-
>
> > »"Jekk is-senfenza kienet l-effett ta żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzioni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubbju

> eskluża jew fuq is-supposizzioni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

»Illi kif ġà osservat il-Qorti tal-Appell straħet ħafna fid-deċiżjoni tagħha fuq id-dikarazzjonijiet dokumentati magħmula minn Dr Tonio Azzopardi f'kawża oħra quddiem il-Bord li Jirregola l-kera. Apparti l-fatt li ma nġabitx l-aqwa prova tal-istess *stante* li l-istess avukat ma tressaqx mill-atturi biex jikkonferma tali dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu, jingħad *inoltre* li tali affermazzjoni hija fattwalment skorretta u l-avukat in kwistjoni qatt ma ġie awtorizzat mill-esponenti ritrattandi li jlissen tali affermazzjonijiet fil-konfront tagħhom. Tant hu hekk illi l-odjerni ritrattandi u l-istess avukat spiċċaw fuq nota ħażina u … … … ma baqax jippatroċinahom … … …;

»Illi għalhekk għandu jirriżulta li fl-argument tagħha l-Qorti tal-Appell żbaljat meta assumew bħala veritjiera l-affermazzjoni fattwali magħmula minn Dr Tonio Azzopardi meta fir-realtà din ma kinitx tirrifletti l-verità;

»Illi żball ieħor kommess mill-Qorti tal-Appell fid-dawl tal-artikolu ċitat huwa meta assumew bħala fatt mhux veritjier li r-ritrattandi Yvonne u Carmelo Borg kienu jirrisjedu hawn Malta *stante* li kkonkludew li huma kienu igħixu barra minn Malta meta għal kuntrarju diversi dokumenti uffiċċjali esebiti kienu jindikaw u jistabilixxu posittivament li bħala fatt ir-residenza ordinarja tar-ritrattandi kienet proprju hawn Malta fil-fond *dequo*. Issir referenza għas-segwenti dokumenti li l-Qorti tal-Appell ma għamlet ebda konsiderazzloni jew riflessjoni dwarhom *cioè*:-

»a) dikjarazzjont uffiċċjali li mis-sena 1978 Yvonne Borg ma għadhiex meqjusa bħala residenti ġewwa Amsterdam peress illi ttrasferiet ir-residenza tagħha ġewwa Malta;

»b) il-karta tal-identità maltija taż-żewġ ritrattandi;

»ċ) ir-Reġistru Elettorali;

»d) il-Karta Anzjan Maltija ta' Carmelo Borg;

»e) l-*income tax returns* tal-konjugi Borg – li wkoll ifisser li d-dħul min-negozju tagħhom barra minn Malta kien qed jiġi dikjarat u ntaxxat hawn Malta;

»f) ir-reġistrazzjoni u ħlas tan-*National Insurance* taż-żewġ ritrattandi;

»g) il-pensjoni Maltija li beda jirċievi Carmelo Borg;

»h) il-passaport Olandiż ta' Yvonne Borg jindika r-residenza tagħha bħala hawn Malta;

»i) id-dikjarazzjoni magħmula mill-Ministeru tal-Finanzi tal-Belgium.

»Supposizzjoni ta' fatt żbaljat ieħor imsemmi mill-Qorti tal-Appell huwa dak fejn għamlet referenza għax-xiehda ta' George Meilaq. Dan ix-xhud qatt ma xehed li l-konjuġi Borg jirrisjedu barra minn Malta. Il-fatt li ssemma li għandhom residenza barra minn Malta tista' tfisser biss li għandhom post barra minn Malta kif illum il-ġurnata hemm ħafna Maltin li għandhom postijiet fi Sqallija u fit-Toscana. B'daqshekk ma jfissirx li r-residenza ordinarja tal-konjuġi Borg u ta' dawn il-Maltin tkun tiġi trasferita barra minn Malta għas-sempliċi raġuni li jkunu akkwistaw fond ieħor barra.«

4. L-atturi wieġbu fit-28 ta' Settembru 2015 u qalu illi dak il-fatt li l-konvenuti jgħidu illi kien "żball" mhux biss ma kienx żball iżda wkoll kien punt ikkontestat li ġie deċiż bis-sentenza attakkata.

5. Il-kwistjoni ewlenija fil-kawża li qiegħed jintalab is-smigħ tagħha mill-ġdid kien jekk il-konvenuti kellhomx ir-residenza ordinarja tagħhom f'Malta, fil-fond li dwaru saret il-kawża, biex hekk ikunu jistgħu jinqdew bid-disposizzjonijiet tal-artt. 12 u 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] sabiex jikkonvertu t-titolu tagħhom fuq dak il-fond minn wieħed ta' enfitewsi għal kiri wara li jagħlaq iż-żmien tal-enfitewsi. Huwa ovvju għalhekk illi l-kwistjoni tar-residenza tal-konvenuti kien "punt ikkontestat" li dwaru ngħatat deċiżjoni fis-sentenza attakkata meta din qalet illi l-fond li dwaru saret il-kawża ma kienx ir-residenza ordinarja tal-konvenuti.

6. L-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu qegħdin jistrieħu l-konvenuti, igħid illi ma jingħatax it-tħassir tas-sentenza minħabba żball ta' fatt meta l-fatt ikun "punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza".

7. Ladarba għalhekk l-allegazzjoni tal-konvenuti hi li l-Qorti tal-Appell għamlet żball dwar punt ikkontestat li ġie deċiż bis-sentenza, is-sentenza ma tistax tintlaqat bl-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Taħt l-art. 811(*l*) ma ssirx valutazjoni mill-ġdid ta' xiehda iżda biss verifika dwar jekk saritx suppożizzjoni jew esklużjoni żbaljata ta' fatt li "ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza". Li effettivament qegħdin jitolbu l-konvenuti ma huwiex illi

ssir il-verifika li jippermetti l-art. 811(*l*) iżda li ssir valutazzjoni mill-ġdid tax-xiehda. Huwa ovvju għalhekk illi t-talba għat-tħassir tas-sentenza minħabba żball ta' fatt ma tistax tintlaqa'. Dan huwa tant ovvju illi, fiċ-ċirkostanzi, it-talba tal-konvenuti hija għalkollox fiergħa u vessatorja, maħsuba biex ittawwal iż-żmien għall-esekuzzjoni tas-sentenza kontriehom.

8. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju, fosthom ukoll l-ispejjeż tal-provvediment tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar rikuża. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talba tal-konvenuti hija waħda fieragħa u vessatorja, il-qorti wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-parti l-oħra l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
df